# 219. Il-Ġurdien u l-Eremit

Darba kien hemm ġurdien
li kien qed jgħix flimkien
ma' Eremit ta' dari
f'għar ċkejken ġewwa x-xagħri.

U ġie qattus, u l-ġurdien twerwer minnu,
u l-Eremit biddlu malajr f'qattus;
u mbagħad ġie kelb, u l-qattus beża' minnu,
u l-Eremit tah sura u għamlu kelb;
u mbagħad ġie tigra, u l-kelb twerwer minnu,
u l-Eremit dlonk biddel il-kelb f'tigra.

It-tigra qagħad jitħasseb
li n-nies forsi x'imkien
trid tibda tgħid u tgħajru
li darba kien ġurdien.

Ta' dak li ġara wieħed
l-istorja kien jaf jgħid;
it-tigra qam u qatel
l-imsejken t'Eremit.

*minn ħrafa ta' Tito Padesha,*
*Saskrit tas-seklu XVI*